

MISSION FUND

# IL-MISSJUNARJU

*Newspaper post | Ħarġa Nru: 123 | Diċembru 2019 - Frar 2020*

## PROĠETT TAL-MISSION FUND FIL-KENJA

Nhar l-Erbgħa 31 ta' Lulju 2019 grupp ta' 16-il voluntiera tal-Mission Fund, flimkien ma' Fr Franco Fenech bħala direttur spiritwali, telqu minn Malta lejn il-Kenja biex jgħinu fi proġett ta' bini ta' klassijiet għal skola sekondarja f'Ruiru. Din l-iskola hija mmexxija mis-Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesù, magħrufa aħjar bħala Ta' Nuzzo. Il-ħtieġa ta' dan il-proġett inħasset minħabba bdil fissistema edukattiva fil-Kenja li se tiġi fis-seħħ is-sena d-dieħla. Preżentement ledukazzjoni sekondarja hija mifruxa fuq erba' snin. Iżda mis-sena d-dieħla din se tiżdied għal sitt snin u għalhekk inħasset ilħtieġa li jinbnew iżjed klassijiet.




**Proġett ta' bini ta' 5 klassijiet, laboratorju, vernadah u toilets fil-Kenja**

Dan il-proġett se jservi biex jagħti aktar dinjità u opportunità lill-bniet għax fil-Kenja, jekk ikun hemm il-possibilità li xi ħadd millulied imur l-iskola, ikunu s-subien li jingħataw l-ewwel preferenza. Ħafna drabi lbniet jinżammu d-dar biex imorru jġibu lilma lejn l-għarix tagħhom minn distanzi lbogħod jew inkella jintbagħtu jaħdmu flindustija tat-tè għal paga miżera.

Il-Mission Fund tinsab grata ħafna lejn il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u l-Promozzjoni tal-Kummerċ tar-Repubblika ta' Malta għall-fondi li ingħataw b'risq dan il-proġett milliskema ta' Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp.

*John Sammut*

**MISSION FUND:** 500, Eureka Court, Blokk A, Flat 6,Triq il-Kbira, Mosta MST 1018 ***Ħinijiet tal-ftuħ:*** Tnejn sal-Ġimgħa 9.00 a.m. – 1.00 p.m.
**Tel:** (+356) 21413664 **E-mail:** missionfund@global.net.mt **Website:** www.missionfund.org.mt **Facebook:** www.facebook.com/globali.net.mt
**Reg No: VO/0015**

# TFAJLIET PAKISTANI JISSIEĦBU F'KONKREGAZZJONI TA' SORIJIET MALTIN

*Mario Schiavone*

Illum, hemm aktar minn 40 tfajla Pakistana li daħlu sorijiet fil-Kongregazzjoni Maltija tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù. Ilħidma tas-sorijiet Maltin fil-Pakistan, fosthom Madre Ilaria li ilha 51 sena taħdem fil-Pakistan, kienet strumentali biex ixxettlu dawn il-vokazzjonijiet.

Fl-1991, id-dover sejjaħ lil Madre Ilaria, li kien ilha s-snin taqdi l-missjoni fil-Pakistan, biex terġa' tmur taqdi l-missjoni tagħha f'Mathli, fejn damet tliet snin oħra.

Tfajliet li 20 sena qabel kienet ħallietħom studenti żgħar fil-primarja, issa kienu kollha jew kważi kollha żżewġu. Madre Ilaria hawnhekk kienet tagħmel ħafna xogħol pastorali, iżżur il-familji fqar fl-irħula talmadwar, xi drabi akkumpanjata minn qassis. Kull nhar ta' Ġimgħa kienet tiġbor numru ta' tfajliet biex tgħallimhom il-Bibbja. Ħafna minn dawn ma kinux jafu jaqraw u allura riedu min jgħallimhom. Kienet tgħallimhom ukoll il-kant għall-Quddiesa tal-Ħadd u tedukahom ukoll dwar l-iġjene personali tagħhom.

F'din il-ħidma Madre Ilaria ltaqgħet ma' ħafna familji mkissra jew bi problemi u kienet tipprova tgħinhom kif tista'. Ħafna tfajliet li kienu jattendu l-Boarding House meta kienet f'dan il-villaġġ snin qabel, kienu jistednuha għat-tieġ tagħhom li fil-Pakistan id-drawwa hi li ż-żwieġ ikun iċċelebrat malgħabex, qabel jisbaħ jum ġdid.

Fl-1994 Madre Ilaria ntalbet tmur toffri lħidma tagħha, f'post differenti, lingwa differenti. Din id-darba f'Chichawatni fejn damet sal-1998.

Hawnhekk reġgħet bdiet tieħu ħsieb Boarding School oħra, barra li tieħu ħsieb torganizza l-attivitajiet fil-knisja tar-raħal u tagħmel xogħol pastorali, ddur il-familji, laktar dawk fil-bżonn.

Aktar tfajliet Pakistani nibtet fihom ilvokazzjoni reliġjuża u Madre Ilaria ħadet ħsieb tippreparahom għan-novizzjat.

Fl-1998, fil-kunvent tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù f'Mirpurkas, seħħ incident li ħalla marka kbira mhux biss fuq ilkomunità tas-sorijiet fil-Pakistan u f'Malta imma fuq in-nies kollha ta' dak



ir-raħal. Raġel kien daħal fil-kunvent tas-sorijiet u qatel soru Maltija, Suor Marcellina Tabone. Ir-raħal kien inħakem minn biża' kbir.

F'dawn iċ-ċirkostanzi drammatiċi, Madre Ilaria ntbagħtet biex tieħu post is-soru maqtula f'Mirpurkas. Minkejja l-periklu u lbiża' hi aċċettat.

Hemmhekk bniet kunvent ġdid, aktar sigur.

Bniet Boarding School ġdida. U kellha żżid ilklassijiet fi skola li kienu jmexxu s-sorijiet għal 1,400 tifel u tifla minn kindergarten sal- Matrikola.

F'dan il-kunvent, Madre Ilaria damet għal 15-il sena sħaħ, sal-2012. Hemmhekk tmien tfajliet Pakistani ngħaqdu malkongregazzjoni.

Fl-2012, it-tmexxija tal-Kongregazzjoni tas-Sorijiet tal-Qalb ta' Ġesù f'Ruma, għażlet lil Madre Ilaria biex tkun Madre Provinċjali responsabbli mill-kunventi li l-komunità kellha mxerrda mal-Pakistan kollu u fil- Filippini.

Ir-responsabbiltajiet komplew jikbru. Il-Kongregazzjoni għandha 11-il dar fil-Pakistan u 2 oħra fil-Filippini flimkien ma' żewġt idjar ta' formazzjoni għal sorijiet ġodda.

F'din il-provinċja hemm 60 soru li llum tnejn biss minnhom huma Maltin, Madre Ilaria u soru oħra, il-bqija kollha sorijiet Pakistani. Barra minn dawn hemm ukoll tliet novizzi, erba' postulanti u tliet aspiranti.

Tfajliet Pakistani jissieħbu f'konkregazzjoni ta' Sorijiet Maltin Fil-Filippini, il-Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù għandhom żewġt idjar. Hemmhekk hemm soru waħda Maltija, sitta Pakistani, waħda mill-Filippini stess flimkien ma' żewġ novizzi mill-Bangladesh, żewġ postulanti mill- Filippini u aspiranta mill-Bangladesh.

51 sena ta' ħidma missjunarja, f'pajjiż predominantement Musulman, fejn l-insara, l-aktar il-Kattoliċi huma persegwitati, m'humiex ċajta. Pajjiż fejn il-Gvern ma jgħin bl-ebda mod il-ħidma missjunarja anzi ħafna drabi jfixkilha.

Matul dawn is-snin, Madre Ilaria ħabbet u ħadmet, ikkurat u għallmet lil eluf ta' tfal subien u bniet. Xorbu mill-esperjenza tagħha madwar 40 tfajla li llum huma sorijiet professi fil-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù. Is-sodisfazzjoni hu kbir. L-esperjenzi, koroh u sbieħ. Fost l-isbaħ esperjenzi dik li Madre Ilaria għamlet ma' grupp imdaqqas ta' tfajliet u ġuvintur għomja. Taħt it-tmexxija tagħha dawn tgħallmu l-lingwa tal-braille, tgħallmu l-mużika u llum ħafna minnhom sabu posthom fis-soċjetà.

Is-sodisfazzjon tagħha hu meta kultant tiltaqa' ma xi raġel jew mara li bilkemm għadha tagħrafhom għax kibru minn tfal kif kienet tafhom hi u jgħidulha li llum mhux biss għandhom familja, imma xi ħadd laħaq professur, avukat jew tabib.

Dan kollu setgħet tagħmlu bl-għajnuna ta' ħafna li kull sena jagħmlu d-donazzjonijiet tagħhom lill-Mission Fund li mbagħad kienu jibgħatulha l-flus biex tagħmel il-proġetti u taqdi l-foqra u l-batuti. Grazzi wkoll lil numru ta' karitajiet oħra internazzjonali li jingħatulha flus, ikel u mediċinali biex tkun tista' tqassamhom mill-kliniċi, l-iskejjel u lkunventi tas-sorijiet.

Nitolbu għal Madre Ilaria biex tkompli din ilmissjoni tagħha ta' mħabba fil-Pakistan, missjoni li hija qiegħda taqdi bl-akbar dedikazzjoni u mpenn.

# PUBBLIKAZZJONIJIET




B'inizjattiva ta' Saviour Farrugia ġie ppubblikat ktieb **"25+ Years of Missionary Experiences".** Din il-pubblikazzjoni fiha ġabra ta' tagħrif dwar lesperjenzi missjunarji li saru kull sena mill-1992 'l hawn. Minbarra r-ritratti bil-kulur tal-proġetti li saru tul dawn is-snin, dan il-ktieb fih intervisti mal-persuni li ħadu sehem f'dawn l-esperjenzi. Ktieb li mhux ta' min titlfu għax jerġa' jġiblek innostalġija tal-passat. **Prezz €10 BISS.**




Pubblikazzjoni oħra hija ġabra ta' poeżiji sbieħ u ħelwin b'suġġetti varji minn Josephine Buhagiar.

Is-suġġetti jvarjaw minn eloġju fuq il-Papa Ġwanni Pawlu II sat-tifkiriet ta' tfulitna jew fuq it-telfa tat- tieqa tad-Dwejra. Ktieb li meta taqrah inissillek tbissima fuq wiċċek jew jagħtik ispirazzjonispiritwali. Tassew fih daqsxejn minn kollox.
**Prezz €10 BISS.**

**Ordnaw il-kopji tagħkom ta' dawn iż-żewġ pubblikazzjonijiet billi ċċemplu l-uffiċċju. Id-dħul se jmur kollu għall-Mission Fund. Prosit u grazzi lil Saviour Farrugia u lil Josephine Buhagiar.**

# SKEMA BENEFATTUR / SOSTENITUR

**Inti tista' tgħin billi tissieħeb f'waħda minn dawn l-iskemi:**

**€35 fis-sena** biex tipprovdi kotba, pitazzi, uniformi, eċċ għal tifel/tifla fil-missjoni għal sena

**€35 fis-sena** biex titma tifel/tifla fil-missjoni għal sena

**€45 fis-sena** biex timpjega katekista fis-sena

**€55 fis-sena** biex tipprovdi edukazzjoni bħala boarder lil tifel/tifla fil-missjoni għal sena

**€115 fis-sena** biex timmedika pazjent tat-tuberkulożi

**€235 fis-sena** biex titma u tmantni familja sħiħa f'artijiet tal-missjoni għal sena

**€500 fis-sena** biex jitħaffer bir għall-ilma

JEKK TIXTIEQ AKTAR TAGĦRIF, ĊEMPEL L-UFFIĊJU FUQ **21413664.**

---

MISSION FUND

# RIGAL TAL-MILIED

Fil-Milied naħsbu ħafna biex nagħtu rigali lill-maħbubin tagħna. Nafu li intom tħobbu ħafna lillfo-qra fl-artijiet tal-missjoni. Għalhekk inħeġġukhom biex tagħtu rigal lil dawn ħutna biex b'hekk tnaqqsulhom ftit mit-tbatija li qed isofru. Il-Mulej iħallaskom b'mitt darba aktar dak kollu li tagħ lu ma' ħutna fil-bżonn. **GRAZZI**.

Jien qed nibgħat **€** ________ bħala rigal tal-Milied lil ħutna anqas ixxurtjati. Id-donazzjonijiet għandhom jintbagħtu permezz ta' ċekk jew *money order* pagabbli lil **Mission Fund**.

**ISEM U KUNJOM:** ____________________

**INDIRIZZ:** ____________________

**KODIĊI POSTALI:** ____________ **TEL/MOB:** ____________

**NOTA: Jiena hawn taħt iffirmat nagħti l-kunsens tiegħi biex il-Mission Fund iżomm id-dettalji personali tiegħi biex inkun nista' nirċievi n-newsletter, il-magazine, il-kalendarju u pubblikazzjonijiet oħra.**

Firma ____________________